IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 40**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 24 ta' Frar 2014 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin |
| Il-Prof. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 39**

1.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 39 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A39

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 39** Punti Mqajma mill-minuti A39

2.01 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-MEPA kienet bagħtet il-minuti tal-laqgħa li kienet saret fil-24 ta' Jannar dwar in-*North West Local Plan*. Hija qalet li l-imsemmija minuti kienu ser jiġu ċċirkolati lill-membri kollha sabiex dawn il-minuti jkunu jistgħu jiġu approvati. Laqgħa ma' rappreżentanti tal-MEPA

2.02 Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li għalkemm issa saret din il-laqgħa mal-MEPA huwa jħoss li issa kien ~~daqsxejn~~ tard wisq għaliex dan il-Kumitat Amministrattiv wasal fit-tmiem tat-terminu tiegħu. Huwa kompla billi qal li l-fatt li l-Kumitat


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

AGS

Amministrattiv ma ngħatax l-attenzjoni meħtieġa minn diversi entitajiet, dan wassal biex il-Kumitat Amministrattiv ma wettaqx ix-xogħlijiet u l-proġetti li kellu ppjanati u għaldaqstant deher li dan il-kumitat kien inkompetenti.

**3.00 L-allokazzjoni finanzjarja Jannar-Diċembru 2014**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2014 tammonta għal €56,115. Hija tat spjega ta' kif dan l-ammont għandu jitqassam. — *L-allokazzjoni finanzjarja Jannar-Diċembru 2014*

**4.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

4.01 Is-Sur Christopher Farrugia talab li l-Kunsill ikompli l-bankina li tinsab fi Triq Francesco Azopardi k/m Triq tal-Virtù sabiex din il-bankina tkun kompluta. Il-Kumitat qabel. — *Tkomplija tal-bankina ta' Triq Francesco Azopardi*

Is-Segretarju Eżekuttiv ser tressaq din it-talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**5.00 Affarijiet Oħra**

5.01 Is-Sur Christopher Farrugia talab li jibda jintbagħat *Eco Warden* fi Triq tal-Virtù k/m Triq Francesco Azopardi fejn l-iskola tal-Ursolini minħabba l-ħmieġ tal-klieb. — *Eco Warden fi Triq Francesco Azopardi*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din it-talba diġà ntbagħtet lir-Reġjun tagħna.

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu 2014 fis-6.30 pm — *Data tas-seduta li jmiss*

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**